MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru 1121/2011

Il-Pulizija
(Spettur Antony Portelli)

VS

Alexandra Dalmas

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 31768(M) akkuzata talli fis-6 ta’ Awissu 2011 u fil-gimghat ta’ qabel:

- xjentement, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li ndahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom; u cioe’ laqghet ghandha ‘laptop’ tal-ghamla NEC ta’ valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2329.37, liema ‘laptop’ gie rrapurtat misruq fost oggetti ohra nhar t-2 ta’ Lulju 2011 minn gewwa residenza ‘Petit Poire’, Telghet ix-

Xemxija, San Pawl il-Bahar, liema delitt sar ghad-dannu ta' Joan Scicluna u/jew persuni ohra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Il-fatti li jaghtu origini lil dan il-kaz huma kif ser jinghad: fit-2 ta' Lulju 2011 sehhet serqa mill-fond 'Petit Poire', Telghet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar, minn fejn, fost affarjiet ohra, insteraq 'laptop' tal-marka NEC. Dan instab u gie elevat mill-fond tal-imputata. Jidher li l-oggett in kwistjoni ngab ghand l-imputata minn certu Joseph Cini, maghruf bhala 'il-Pele', li ghamel zmien f'dik l-istess sena jabita mal-imputata fil-fond taghha. Intant, jirrizulta li dan il-'laptop' kien gie misruq mill-fond ta' San Pawl il-Bahar u sidu, prodotta bhala xhud, ikkonfermat li dan kien taghha u kien safa' misruq mill-fond ta' San Pawl il-Bahar fost oggetti ohra.

L-imputata hija akkuzata ta' ricettazzjoni senjatament li xjentement laqghet ghandha dan il 'laptop' li kien misruq. Tistqarr li l-'laptop' ma tafx kif spicca id-dar fejn tghix u assumiet li kien ta' xi hadd mit-tfal taghha. Dwar it-tfal ikkonfermat li jghixu mar-ragel taghha, li mieghu hi separata, u ilhom jghixu mieghu minn Jannar ta' dik is-sena, ossija 2011.

Dawn huma l-fatti saljenti f'din il-kawza fejn ic-certezza tippermani biss fir-rigward li l-'laptop' kien misruq u li nsatb fil-fond fejn tghix l-imputata.  Jigifieri, mit-tlett elementi li jikkaratterizzaw ir-reat, hemm biss cert il-provenjenza illegittima tal-haga filwaqt li mill-provi, almenu fil-fehma ta' din il-Qorti, jippersisti dubbju dwar jekk l-imputata kinitx effettivament taf bil-provenjenza illegittima

tal-oggett, izda mhux biss, li hi xjentement laqghet ghandha oggett li kienet taf li gej minn serq.

In dubbio pro reo.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-imputata mhux hatja u tilliberha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------